MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 404/2015

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Arrest ta’ Bcejjec tal-Bahar numru 690/15 JPG**

**Fl-ismijiet**

**Av Ann Fenech (28763M) ghan-nom u in rappresentanza ta’ Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi [Passaport UAE numru A2254322]**

**vs**

**Il-Bastiment MY Whispering Angel**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-kumpanija GMW55 Limited [numru ta’ registrazzjoni C53847] sid il-*yacht* registrat bandiera Maltija bl-isem MY ‘Whispering Angel’ tat 30 t’April 2015 li jaqra hekk:

*“ILLl fis-26 ta' April, 2015 Faisal Juma Belhoul Alfalasi intavola Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar kawtelatorju numru 690/15 fejn talab l-arrest tal-yacht registrat taht*

*il-badiera Maltija 'Whispering Angel' u dan a bazi ta'allegat danni soferti mir-rikorrent ai termini tal-Memorandum of Agreement rigward il-bejgh lilu ta' l-istess yacht datat 15 ta' Jannar, 2014;*

*ILLI l-imsemmi mandat gie akkordat mill-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' April, 2015;*

*ILLI il-kumpanija Maltija esponenti, GMW55 Limited, hija sid il-yacht suggett ta'dan il-mandat. Qed jigi annett estratt tar-Registru Merkantili li juri li sid l-imsemmi yacht hija il-kumpanija Maltija GMW55 Ltd [Dok.1];*

*ILLI GMW55 Limited qatt ma negozjat, iffirmat jew kienet parti tal-Memorandum of Agreement datat 15 ta' Jannar, 2014. GMW55 Limited qatt ma obbligat ruhha li tbiegh 'Whispering Angel' lil Faisal Juma Belhoul Alfalasi. Allura kif jista r-rikorrenti jivvanta pretenzjonijiet fir-rigward ta' kumpanija u propjeta taghha meta ma hemm ebda obbligazzjoni bejniethom. ln oltre, ir-rikorrenti ikawtela l-pretenzjonijiet tieghu permezz ta' mandat fuq propjeta ta' lezi;*

*ILLI kif jista jigi verifikat mill-anness kopja ta' I-imsemmi Memorandum [Dok. 2], il-partijiet kienu ANGELIC CHARTERS LP, kumpanija registrata l-Isle of Man, bhala bejjiegh u FAISAL BELHOUL bhala xerrej. ll-kumpanija estera Angelic Charters LP qatt ma kienet sid il-yacht 'Whispering Angel' u dan il-fatt kien ben saput mix-xerrej, Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi, li bil-mandat odjern arresta l-yacht u qed jivvanta pretenzjonijiet fuq propjeta ta' terzi li mieghu qatt ma kien hemm relazzjoni kuntrattwali jew mod iehor. Addendum Two ta' l-imsemmi Memorandum, specifikament fl-ewwel paragrafu, Faisal Alfalasi qabel u irrikonoxxa l-fatt li Angelic Charters LP minkejja li hija riferut fid-dokument bhala l-bejjiegh, fil-fatt ma hijiex sid il-yacht 'Whispering Angel', Faisal Alfalasi kien jaf min verament huwa sid tal-yacht inkwistjoni izda huwa qatt ma talab li l-kumpanija Maltija tkun parti fil-Memorandum of Agreement.;*

*ILLI dan jispjega ghaliex ir-rikorrenti ma ipprezentax kopja tal-Memorandum of Agreement flimkien mal-mandat odjern. Il-Memorandum juri ma min verament ir-rikorrenti ghamel negozju u allura minghand min se mai jista jitlob hlas ghad-danni soferti, certament mhux fil-konfront ta' GMW55 Limited;*

*ILLI il-Memorandum of Agreement kien gie terminat bejn l-imsemmija partijiet stante li t-trasferiment tal-yacht ma setghax isir u rizultat ta'dan l-istess partijiet iffirmaw Charter Agreement datat Mejju, 2014 fejn ir-rikonenti Faisal Alfalasi accetta li jiehu b'kirja l-istess yacht ghal perjodu 2 ta' Awwissu , 2014 sa 30 ta' Awwissu , 2014 bhala kumpens tali ma sehhx it-trasferiment lilu tal-yacht 'Whispering Angel' [Dok. 3] kif kien hemm stipulat fil-Memorandum of Agreement;*

*ILLI jekk ir-rikorrenti Faisal Belhoul ghandu xi pretenzjonijiet kontra l-kumpanija Angelic Charters LP dwar xi negozju li huwa ghamel ma din il-kumpanija, certament li r-rikorrenti ma jistax jikawtela l-pretenzjonijiet tieghu billi jiprezenta mandat ta' arrest fuq propjeta ta' terzi li qatt ma kienet parti f'dan in-negozju;*

*ILLI ir-rikorrenti meta talab il-hrug tal-mandat odjern agixxa in male fede bl-ghan ewwlieni li jaghmel pressjoni fuq GMW55 LTD, sid tal-yacht, ghaliex jaf li Angelic Charters LP ma ghandhiex assi u l-yacht in kwistjoni ma huwiex propjeta taghha;*

*ILLI l-yacht in kwistjoni huwa wiehed b'registrazzjoni kummercjali u cioe jinkera lil terzi. Il-mandat odjern qed jirreka danni ingenti lil-kumpanija rikorrenti Maltija u dan stante li ma tistax tonera l-obbligi kuntrattwali taghha ma terzi li krew il-yacht u qed jistennew jiehdu pussess tieghu;*

*GHALDAQSTANT, in vista tal-fatti hawn fuq esposti u d-dokumenti annessi l- kumpanija GMW55 Limited titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-26 ta' April, 2015 rigward il-mandat odjern u dan a bazi tal-Artikolu 836 [1] [f] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta stante li fic-cirkostanzi mhux ragonevoli li l-mandat kawtelatorju odjern jinzamm fis-sehh.*

*In oltre, ai termini ta'l-Artikolu 838A l-Onorabbli Qorti hija moghtija l-fakolta illi tordna lil dik il-parti li tablet il-hrug tal-mandat tati garanzija xierqa ghall-hlas ta'penali li tista tigi imposta u ta'danni u imghax, u fin-nuqqas tordna t-tnehhija tal-att kawtelatorju. Ghalhekk, fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-mandat odjern ghandu jibqa fis-sehh, l-esponenti titlob umilment li r-rikorrent ghandu jigi ordnat jiprovdi garanzija skond l-Artikolu citat."*

Rat id-digriet tat-30 t' April 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta' Mejju 2015 f'1:30pm;

Rat illi l-kontro-parti gew debitament notifikati bir-rikors, d-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Ann Fenech nomine tat-13 ta'Mejju 2015, A fol. 38 et seq, li taqra hekk:

*"Illi l-intimata nomine giet notifikata bir-rikors tal-kumpanija Maltija GMW55 Limited datat 30 ta' April 2015 fis-6 ta' Mejju 2015.*

*Illi permess tal-imsemmi rikors il-kumpanija GMW55 Limited resqet is-segwenti talbiet:*

A. *Illi l-Onorabbli Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-26 ta' April 2015 ghab-bazi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 stante li fic-cirkostanzi mhux ragonevoli li l-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh.*

B. *Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-mandat odjern ghandu jibqa fis-sehh, l-esponenti talbet illi l-intimat ghandu jigi ordnat jipprovdi garanzija skond l-Artikolu 838A tal-Kap 12.*

*Illi l-intimat joggezzjona ghal-dawn it-talbiet imressqa mir-rikorrenti GMW55 Ltd bis-shih u ssostni li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:*

A. ***L-arrest tal-bastiment MY Whispering Angel sar legalment ai termini tal-artikolu 742D tal-Kap 12.***

*Illi ir-rikors tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-argument illi l-intimat ma setax jintavola talba ghall-hrug tal-mandat ta' arrest numru 690/15 kontra l-bastiment MY Whispering Angel peress illi:*

*(a) Il-kumpanija Maltija rikorrenti GMW55 Limited hija s-sid tal bastiment suggett tal-mandat u*

*(b) Li l-istess socjeta qatt ma kienet parti tal-Memorandum of Agreement datat 15 ta' Jannar 2014 li ghabbasi tieghu tressqet ir-rikjesta ghall-arrest tal-bastiment mill-intimat.*

*Illi irid jigi sottolinjat mill-intimat illi l-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 690/15 JPG certament inhareg in pjena osservanza tal-artikoli tal-ligi li jirrigwardaw il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri u dan kif ser jigi mur b'mod car permezz tas-segwenti:*

***(I) <u>Il-fatti tal-kaz</u>***

*Illi filwaqt li, kif ser jigi spjegat aktar l-isfel, il-merti tal-kaz odjern huma suggetti ghall-arbitragg gewwa Londra, liema proceduri fil-fatt diga nbdew hekk kif muri mill-anness Notice of Arbitration (**Dok A**), huwa necessarju li wiehed jaghti spjega tal-fatti rilevanti li jiccirkondaw il-kaz in ezami sabiex jigi muri l-legalita' tal-arrest tal-bastiment MY Whispering Angel.*

*(a) Permezz ta' Memorandum of Agreement datat 15 ta' Jannar 2014 (anness mar-rikors promotur), is-socjeta' Angelic Charters LP Incorporated, kumpanija rregistrata gewwa l-Isle of Man, intrabtet illi tbiegh il-bastiment MY Whispering Angel lil Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi ghall-prezz ta' Euro 2,750,000.*

*(b) Illi hekk kif jirrizulta minn korrispondenza bejn l-avukati Inglizi tal-bejjiegha, Hill Dickinson u dawk tax-xerrejja, Holman Fenwick and Willan li saret durante in-negozjati li saru bejn il-partijiet li wasslu ghall-konkluzzjoni tal-Memorandum of Agreement, (korrispondenza hawn annessa u mmarkata **Dok B**), fiz-zmien li dan il-Memorandum of Agreement gie konkluz, il-kumpanija Angelic Charters LP kienet il-bareboat charterer tal-bastiment u kellha f'idejha il-kontroll u t-tmexxija shiha tal-istess bastiment ai termini ta' Lease Agreement konkluz bejna u bejn is-sidien tal-*

*bastiment, il-kumpanija rikorrenti GMW55 Ltd. Kif jirrizulta mill-korrispondenza annessa, l-istess avukat jikkonferma illi:*

*"1. The Yacht is owned by a Maltese company called GMW 55 Limited. GMW55 leased the Yacht to Angelic Charters LP Incorporated, an Isle of Man limited partnership, pursuant to a Maltese approved 12-month lease….*
*4. The term of the original lease expired on 8th January 2013 but the parties agreed that the purchase option (being an option to purchase for Euro 35,000 plus VAT) could be exercised within six months or such longer period as the parties agreed. This has subsequently been extended to such date as the lessor and the lessee shall agree."*

*(c) Jinghad illi dan it-tip ta' arrangament, imsejjah Maltese VAT Leasing Structure, li huwa permess mill-awtoritajiet fiskali Maltin, hija struttura ricerkata mis-sidien ta' jottijiet.*

*(d) Kif ukoll ikkonfermat bil-miktub mill-avukati Inglizi tal-bejjieha, l-imsemmi Lease Agreement, kien jaghti l-fakolta' lill Angelic Charters LP Incorporated bhala bareboat charterer tal-bastiment, li takkwista t-titolu fil-bastiment minghand is-sidien GMW55 Ltd meta l-Lease Agreement jigi tterminat.*

*(e) Il-fatt illi l-bastiment kien soggett ghal dan il-bareboat charter fiz-zmien meta l-Memorandum of Agreement gie konkluz huwa ukoll ikkonfermat mill Artikolu 7 ta' Addendum Two tal-Memorandum of Agreement stess (li ukoll jinsab anness mar-rikors promotur) liema artikolu jipprovdi s-segwenti:*

*"(7) The Buyer acknowledges that the Seller is in the process of accounting for VAT on the vessel in accordance with the terms of an approved Maltese lease entered into between the Seller as Lessee and GMW55 Limited, the current registered owner of the Vessel as Lessor. Subject to the Buyer's compliance with its obligations pursuant to Paragraph (2) above, the Seller shall (i) procure that the Vessel visits Malta prior to delivery and (ii) it exercises its purchase option in respect of the Vessel and accounts for VAT in Malta on such purchase such that the Vessel can be transferred to the Buyer duly VAT paid and in receipt of a VAT Paid Certificate issued by the VAT department".*

(f) *Inoltre l-artikolu 5 tal-istess Memorandum of Agreement jispecifika illi Mr Belhoul kien qed jobbliga ruhu li jhallas lil Angelic Charters LP somma ta' mhux aktar min Euro 115,000 sabiex ikopri l-fuel expenses necessitati sabiex il-bastiment jingieb Malta minn Angelic Charters LP biex din tkun tista' tezercita il-Purchase Option taghha ai termini tal-Lease Agreement konkluz mas-sidien tal-bastiment.*

(g) *Jinghad fil-fatt illi dan it-tip ta' Purchase Option huwa wiehed mill-elementi ewlenin li wiehed isib f' bareboat charters konkluzi bejn sidien ta' bastimenti ma charterers tal-istess bastimenti u huwa fattur li jiddistingwi bareboat charter min voyage jew time charter. Hafna drabi il-hlasijiet periodici li jkunu qed jithallsu ai termini tal-kirja tal-bastiment mill-bareboat charterer lis-sidien ikunu effettivament qed jigu kkonsidrati li jsiru akkont tal-prezz. Fil-fatt dan jispjega ukoll ghalfejn kif ndikat mill-korrispondenza annessa, Angelic Charters LP kellha l-fakolta' li takkwista l-jott mighand is-sidien ghall – prezz biss ta' 35,000 plus VAT.*

(h) *Infatti jinghad illi kien* ***precisament*** *bhala rizultat ta' din il-Purchase Option moghtija lil Angelic Charters LP Incorporated minghand is-sidien tal-bastiment GMW55 Ltd ghab-basi tal-imsemmi Lease Agreement li Angelic Charterers LP Incorporated kienet f'posizzjoni li tintrabat sabiex tbiegh hi il-bastiment lil Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi permezz tal-Memorandum of Agreement datat 15 ta' Jannar 2014.*

(i) *Jinghad illi kif indikat mill-ittra hawn annessa tal-avukati Inglizi tar-rikorrent* ***(Dok C)*** *peress illi l-Memorandum of Agreement huwa suggett ghall-ligi Ingliza, japplika ghalih l-artikolu 12(1) tas-Sale of Goods Act 1979 li tipprovdi li f'kuntratti ta' bejgh hemm "an implied term on the part of the seller that in the case of a sale he has a right to sell the goods, and in the case of an agreement to sell he will have such a right at the time at the time when the property is to pass". Ghalhekk kien terminu tal-Memorandum of Agreement li Angelic Charters LP kien ser ikollhom titolu fil-bastiment fil mument li l-bejgh kien jigi konkluz. Angelic Charters LP setghet biss taccetta l-inkluzjoni ta' dan it-terminu fil-Memorandum of Agreement ghaliex kellha l-fakolta' li takkwista titolu fil-bastiment.*

(j) *F'dan il-punt l-intimat jixtieq jaghmel referenza a pagna 1 tar-rikors tal-kumpanija GMW55 Ltd fejn din targumenta illi Faisal Alfalasi qabel u rrikonoxxa l-fatt li Angelic Charters LP Incorporated ma kienitx is-sid tal-bastiment u li nonostante dan huwa qatt ma talab li l-kumpanija Maltija GMW55 Ltd tkun parti tal-Memoradum of Agreement. Jinghad hawnhekk illi kienu dejjem l-avukati ta' Angelic Charters LP Incorporated li rrappresentaw ruhom max-xerrej bhala bejjiegha tal-bastiment u li kienu Angelic Charters LP li ntrabbtu li jbieghu il-bastiment lix-xerrej hekk kif il-bastiment isir taghhom.*

(k) *Illi tant kienet definittiva r-rabta kuntrattwali bejn is-sidien tal–bastiment GMW55 Ltd u Angelic Charters LP Incorporated u tant kienet certa Angelic Charters LP Incorporated li kienet ser tezercita il-Purchase Option fil-vicin li din tal-ahhar hassitha komda li tidhol fi ftehim vinkolanti ma' Faisal Belhoul ghall-bejgh tal-bastiment wara li l-bastiment ssir proprjeta tal-istess kumpanija. Jinghad ioltre illi, a kuntrarju ta' dak li qed isostnu r-rikorrenti kif setghet il-kumpannija GMW55 Ltd tkun parti mill-Memorandum of Agreement u tintrabat li tbiegh il-bastiment lil Faisal Belhoul jekk din diga kienet marbuta li tbieghu lil Angelic Charters LP ai termini tal-Lease Agreement?.*

(l) *Jinghad hawnhekk illi ai termini tal-ligiet Ewropej li jirregolaw il-VAT, sabiex jigi ezercitat il-Purchase Option mill-kerrej taht Leasing Structure hemm il-htiega li l-bastiment jingab Malta u li t-trasferiment ta' titlu jsehh mis-sidien tal-bastiment favur il-bareboat charterer waqt li l-bastiment ikun jinsab f'ibhra territorjali Maltin u dan sabiex jigu ssalvagwardjati il-beneficcji fiscali li jkunu gew akkumulati durante it-terminu tal- Lease Agreement.*

(m) *Illi fiz-zmien li gie ffirmat l-imsemmi Memorandum of Agreement bejn Angelic Charters LP Incorporated u Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi, dan tal-ahhar ghalhekk intrabat li jakkwista l-bastiment wara li Angelic Charters LP Incorporated tkun ezercitat il-Purchase Option permessa lilha ai termini tal-Lease Agreement konkluz mas-sidien tal-bastiment GMW55 Ltd gewwa Malta.*

*(n) Illi hekk kif ikkonfermat mill-avukat Ingliz tal-bejjiegh (Dok B anness), il-Purchase Option a favur il-kumpanija Angelic Charters LP Incorporated ai termini tal-Lease Agreement giet eztiza bi qbil bejn il-partijiet.*

*(o) Illi ghalkemm il-Memorandum of Agreement specifika illi d-delivery tal-basiment kellu jsir sal-31 ta' Marzu 2014, il-bastiment qatt ma ngieb Malta minn Angelic Charters LP Incorporated u din il-Purchase Option qatt ma giet ezercitata minnha bir-rizultat li Angelic Charters LP Incorporated ma onoratx it-termini tal-Memorandum of Agreement konkluz ma Mr Belhoul.*

*(p) Illi jinghad illi l-avukati Inglizi ta' Angelic Charters LP argumentaw li kien force majeure event li wassal ghall-frustrazzjoni tal-Memorandum of Agreement peress illi il-klijenti taghhom ma kienux f'posizzjoni li jaghtu "extended warranty" fuq il-magni lix-xerrejja liema garanzija kienet wahda mill-kundizzjonijiet citati fil-Memorandum of Agreement. Min naha taghom, l-avukati tax-xerrej sostnew illi diffikultajiet ekonomici ma jistghux jitqiesu li jammontaw ghall-force majeure kif kienu qed jippruvaw jargumentaw Angelic Charters LP.*

*(q) Illi ai termini ta' klawzola 6 ta' Addendum Two tal-Memorandum of Agreement, f'kaz illi l-bejjieh jonqos milli jipprocedi bil-bejgh tal-bastiment favur Mr Belhoul, Angelic Charters LP obbligat ruha li taghti l-bastiment lil Mr Belhoul ghal kirja ghal periodu ta' erbgha gimghat f' Awissu 2014 bhala kumpens ghan-nuqqas ta' osservanza tal – Memorandum of Agreement da parti tal- bejjiegha.*

*(r) Illi huwa minnu, kif jinghad mir-rikorrenti a pagna 2 tar-rikors taghhom, illi Mr Belhoul kien qabel li jiehu l-bastiment b'charter ghal dan il-periodu ta' erba' gimghat.*

*(s) Illi dak li ma jinghadx mir-rikorrenti pero huwa illi ghalkemm l-ghotja ta' dan ic-charter gie inizjalment ikkonfermat min Angelic Charters LP Incorporated u MYBA Charter Agreement gie miftiehem bejn il-partijiet fid-9 ta' Mejju 2014 (anness mar-rikors promotur) u wara li Mr Belhoul sahansitra dahal fi spejjez ta' vjaggi u akkomodazzjoni gewwa Cannes sabiex ikun jista juza l-bastiment, <u>dan gie sussegwentament infurmat min Angelic Charters LP Incorporated li ma kellhom l-</u>*

*ebda intenzjoni li jonoraw lanqas dan l-obbligu ulterjuri. Ittra ta' Angelic Charters LP Incorporated lil Faisal Belhoul datata 2 Lulju 2014 hawn annessa u mmarkata* ***Dok D****. Sabiex tipprova tiggustifika n-nuqqas ta' osservanza da' parti taghha tat-termini tal-Memorandum of Agreement, Angelic Charters LP tidher li qeghda tohrog bl-argument dghajjef ferm illi hija kienet biss obbligata li tezegwixxi MYBA Charter Agreement u mhux li tonorah u li allura jsegwi li ma tistax tinzamm responsabbli ghall-ksur tal-Memorandum of Agreement!. Dawn il-merti izda jridu jigu decizi mill-Arbitragg Londra.*

*(t) Bhala konsegwenza ta' dana kollu, l-intimat sostna danni konsistenti fid-differenza bejn il-prezz tal-bastiment ai termini tal-Memorandum of Agreement u l-prezz tas-suq tal-bastiment ikkalkulat fil-mument li dan kellu jigi mibjugh lill-intimati. L-intimat sostna ukoll dannu konsistenti fi spejjez ta' vjaggi u akkomodazzjoni inkorsi wara li kienu gew imwieghda kirja tal- bastiment wara li l-Memorandum of Agreement ma giex onorat, liema charter ukoll gie kkancellat minn Angelic Charters Incorporated LP. Kif inghad aktar il-fuq, il-proceduri ta' arbitragg gewwa Londra permezz ta' liema Mr Belhoul qieghed javvanza l-pretensjonijiet tieghu fil-fatt diga inbdew min Mr Belhoul kif jidher min-Notice of Arbitration annessa bhala* ***Dok A****.*

*(u) Illi tard fl-24 ta' April 2015 li kien il-Gimgha filghaxija, l-avukat sottoskritta giet ikkuntatjata mill-avukati Inglizi tax-xerrej fejn dawn infurmawha li kien hemm suspett illi l-bastiment kien ser jingab Malta sabiex Angelic Charters LP tkun tista tezercita il-Purchase Option moghtija lilha ai termini tal-ftehim konkluz mas-sidien tal-bastiment.*

*(v) Illi nonostante illi l-kundizzjonijiet meterologici fi tmiem dik il-gimgha ma kienu favorevoli xejn u il-bahar kien imqalleb ferm, il-bastiment qasam minn Franza ghal Sardegna matul il-lejl tal-24 ta' April biex imbaghad ghamel triqtu dritt lejn Malta is-sibt wara nofsinhar. Dan jindika urgenza sabiex il-bastiment jingab gewwa Malta. Il-bastiment gie mmonitorat permezz tas-sistema tal-AIS matul il-lejl tal-24 ta' April 2015 u hekk kif il-bastiment dahal fl-ibhra territorjali Maltin il-Hadd filghodu, giet ippresentanta t-talba tal-intimat sabiex tinfetah il-Qorti b'urgenza sabiex jigi ppresentat il-mandat ta' arrest tal-bastiment. Dan kollu sar minhabba biza reali li l-bastiment kien ser jingieb Malta sabiex tigi exercitata l-Purchase Option mill-*

*kumpanija Angelic Charters LP u li l-bastiment sussegentament jinbiegh lil terzi bi pregudizzju kbir ghall-pretensjonijiet tal-intimati. Dana kollu jispjega wkoll l-urgenza li biha gie effetwat l-arrest tal-bastiment li gie akkordat minn dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-26 t' April 2015.*

***(II)*** ***<u>Il-Ligi Applikabbli</u>***

*Illi huwa ben stabbilit illi taht il-ligi nostrana kull kreditur ghandu d-dritt li jarresta bastiment sabiex jikkawtela pretensjoni in personam u/jew in rem, sakemm il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni fuq il-merti in personam jew in rem u sakemm ir-rekwiziti legali necessarji jigu sodisfatti.*

***(a) Gurisdizzjoni u Arrest In Personam***

*Illi meta kreditur jarresta bastiment sabiex jikkawtela pretensjoni in personam dan ifisser li qed jaqbad il-bastiment bhala proprjeta' tas-sid tal-bastiment sabiex jikkawtela il-kreditu pretiz minnu minghand is-sid stess.*

*Illi l-intimat huwa pienament konxju tal-fatt illi hija s-socjeta' GMW55 Ltd li hija s-sid tal-bastiment, li l-istess socjeta' kienet is-sid tal-bastiment fil-mument tal-konkluzjoni tal-Memorandum of Agreement tal – 15 ta' Jannar 2014 u li ma hemm l-ebda pretensjoni ta-l-intimat kontra l-kumpanija GMW55 Ltd. IZDA krucjali hawn huwa l-fatt li l-arrest tal-bastiment sar in rem proprjament ghaliex il-pretenzjoni tal-intimat tezisti kontra l-bastiment li jifforma l-oggett tal-Memorandum of Agreement.*

*Illi l-mandat ta' arrest in kwistjoni fil fatt* ***<u>ma inharigx kontra s-sidien tal-bastiment GMW 55 Ltd izda inhareg sabiex jikkawtela pretensjoni In Rem kontra l-bastiment b'mod pjenament legali u b'osservanza totali tal-ligi, kif ser jigi spjegat fid-dettal hawn isfel.</u>***

***(b) Gurisdizzjoni u arrest In Rem***

*Illi a pagna 1 tar-rikors taghha, l-kumpanija GMW55 ssostni li hija "qatt ma negozjat, iffirmat jew kienet parti tal-Memorandum of Agreement datat 15 ta' Jannar 2014" u ssaqsi*

*"Allura kif jista r-rikorrenti jivvanta pretenzjonijiet fir-rgward ta' kumpanija u proprjeta taghha meta ma hemm ebda obligazzjoni bejniethom".*
*Illi r-risposta ghall-dina d-domanda tinsab f'artikolu 742B u 742D tal-Kap 12.*
*Illi l-ligi taghna ma toffrix kreditur il-possibilita li jarresta bastiment biss f'cirkostanzi fejn id-debitu huwa attribwibbli lis-sidien tieghu, i<u>zda huwa precinct fundamentali tal-ligi taghna li bastiment jista jinzamm responsabbli In Rem f'cirkostanzi partikolari ikkontemplati mil-ligi u suggett ghal numru ta' kondizzjonijiet, liema kondizzjonijiet gew pjenament sodisfatti fil-kas odjern.</u>*

*Illi r-rikorrenti GMW55 Ltd, konvenjentament nesa u halla barra sezzjoni shiha tal-ligi taghna li titratta l-gurisdizzjoni in rem tal-Qrati taghna.*

*Illi sabiex kreditur jista johrog mandat ta' arrest kif ukoll jiftah kawza f'Malta kontra bastiment in rem, il-Qrati Civili f'Malta jrid jkollhom gurisdizzjoni in rem kontra l-bastiment u dan skond il-provvedimenti tal-Artikolu 742B u 742D.*

*Illi l-artikolu 742B jelenka dawk il-pretensjonijiet li jaghtu l-gurizdizzjoni in rem lil dina l-Onorabbli Qorti u fosthom wiehed isub f'sub-artikolu (d):*
*"kull pretensjoni li tinħoloq mill-kuntratt tal-bejgħ tal-vapur";*
*Illi ghalhekk il-pretensjoni tal-intimat li wasslet ghall-ksib ta' kawtela kontra l-bastiment hija elenkata bhala wahda minn dawk il-pretensjonijiet li jaghtu lok ghall-gurisdizzjoni in rem tal-Qrati taghna.*

*Illi sabiex ikun hemm gurisdizzjoni in rem kontra bastiment fir-rigward tal-pretensjonijiet li jaqaw taht Artikolu 742B(d) sa (y), ir-rekwiziti legali that Artikolu 742D iridu ukoll jigu sodisfatti.*

*Illi dan l-artikolu qed jigi riprodott ghall-konvenjenza ta' dina l-Onorabbli Qorti:*

*" Hlief ghal dawk il-kazijiet li jigbdu fuqhom privilegg specjali skond l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skond l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqghu isegwu l-bejgh voluntarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgh, fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati civili ta' Malta kontra –*

(a) *Dak il-vapur jew bastiment, fejn il-peruna li tkun responsabbli fi pretensjoni ghal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni, sid jew noleggatur ta', jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid beneficjarju ta' dak il-vapur jew in-nolleggatur taht bareboat charter ta' dak il-vapur;*

(b) *Kull bastiment iehor li tieghu, fiz-zmien meta tingieb azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid beneficjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment".*

*Illi ghalhekk skond l-artikolu 742D(a), sabiex kreditur ikollu dritt in rem kontra bastiment, il-persuna li kienet responsabbli meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni trid tkun is-sid, jew ic-charterer, kew ikollha kontroll, jew taht il-pussess taghha dak il-bastiment kif ukoll meta tingieb l-azzjoni dik l-istess persuna responsabbli trid tkun is-sid/sid beneficjarju tal-bastiment jew inkella bareboat charterer.*

*Illi ir-rekwiziti tal-artikolu 742D(a) ghalhekk huma* ***pienament sodisfatti*** *fic-cirkostanzi odjerni, stante illi hekk kif jirrizulta b'mod car mill-fatti elenkati hawn fuq f'parti A(I):*

(i) *Fil-mument li nholqot il-kawza ghall-azzjoni Angelic Charters LP Incorporated kienu il-bareboat charterers tal-bastiment MY Whispering Angel* U

(ii) *Angelic Charters LP Incorporated kienu ghadhom il-bareboat charterers tal-bastiment fil-mument li tressaq il-mandat ta' arrest kontra l-bastiment stante illi l-Purchase Option taht il-lease agreement konkluz bejn is-sidien tal-bastiment GMW55 Ltd u Angelic Charters LP ghadu ma gie exercitat kif jirrizulta mic-Certifikat tar-registrazzjoni tal-Bastiment ippresentant mir-rikorrenti stess li ghadu jghajjat lil GMW55 Ltd.*

*Jinghad sahansittra li l-avukati ta' Angelic Charters LP stess fl-ittra mibghuta minnhom lill-avukati tal-intimat sussegwentament ghall-arrest tal-bastiment gewwa Malta, jaghmluha cara li kien huwa Angelic Charter LP li joperaw il-*

*bastiment kummercjalment. Referenza ghall-ittra datata 28 ta' April 2015 hawn annessa u mmarkata* ***Dok E****:*

*"Obviously, the arresting of the vessel inhibits* ***Angelic's ability to exploit commercially the Yacht*** *and is causing loss to them". (emfazi mizjuda)*

*Illi ghar-ragunijiet suesposti jinghad illi l-mandat ta' arrest numru 690/15 JPG inhareg b'osservanza shiha tal-artikoli applikabbli tal-ligi li jirrigwardaw l-arrest ta' bastimenti ghall-kawtela ta' pretensjoni in rem, senjatament l-artikoli 742B u 742D.*
*Ghaldaqstant, bl-akbar rispett u umilta' lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-intimat jissottometti illi fil-fehma umli tieghu, it-talba mressqa mill-kumpanija GMW55 Ltd sabiex dina l-Onorabbli Qroti tirrievoka contrario imperio il-mandat ta' arrest ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex il-mandat ta' arrest huwa kollu kemm hu validu u skond il-ligi.*

***B. Ma tezisti l-ebda bazi ghat-talba tar-rikorrenti ghall –ghotja ta' garanzija ghall-hlas ta' penali u danni da parti tal-intimati.***

*Illi t-tieni talba tar-rikorrenti GMW55 Ltd imressqa permezz tar-rikors tat-30 ta' April 2015 hija illi fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-mandat odjern ghandu jibqa fis-sehh, ir-rikorrenti Mr Belhoul ghandu jigi ordnat jipprovdi garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12 għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax. A pagna 2 tar-rikors taghhom, GMW55 Ltd jallegaw illi l-intimat agixxa "in mala fede" meta talab il-hrug tal-mandat odjern.*

*Illi jinghad illi fic-cirkostanzi odjerni ma tesisti assolutament l-ebda bazi sabiex titressaq dina t-talba ghall-ghotja ta' garanzija mill-intimat u dan ghas–segwenti ragunijiet:*

*Illi l-artikolu 836(1)(8) tal-Kap 12 jipprovdi illi l-Onorabbli Qorti ghandha l-fakolta li tordna parti li fuq talba taghha ikun inhareg mandat kawtelatorju li thallas penali lill persuna kontra min ikun inhareg l-att kawtelatorju f'numru ta' cirkostanzi, inkluz f'sitwazzjoni fejn it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*Illi inoltre l-artikolu 836(1)(9) jipprovdi illi "fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan", - u cioe paragrafu 8, inkluz f'kaz fejn it-talba tar-rikorrent tkun saret b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju - "il-Qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat."*

*Illi ghalhekk jirrizulta mill-ligi taghna illi talba ghad-danni allegatament rizultanti minn hrug ta' arrest kawtelatorju hija intrinsikament marbuta ma circkostanzi fejn penali tigi mposta mill-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836(1)(8)(a)-(c).*

*Illi ghalhekk il-ligi taghna tipprovdi illi talba ghad-danni li allegatament qeghdin jigu nkorsi mir-rikorrenti in konsegwenza tal-fatt li ma tistax tonora l-obbligi kuntrattwali taghha ma terzi tista tigi biss milqugha f'cirkostanzi fejn l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghandha tigi applikata penali ai termini tal-artikolu 836(1)(8) tal-Kap 12.*

*Illi sabiex l-Onorabbli Qorti tkun tista tilqa t-talba tar-rikorrenti ai termini tal- Artikolu 838A ghall-ghotja ta' garanzija da parti mill-intimati ghall-hlas ta penali li tista tigi mposta u danni u imghax, huwa necessarju li l-parti li kontriha jkun inhareg att* kawtelatorju ***tipprova bis-shih li l-intimat agixxa b'mod frivolu, malizjuz u vessatorju, haqa li assolutament ma saritx mir-rikorrenti f'dan il-kaz peress illi kif ampjament intwera, il-mandat katelatorju intalab b'osservanza shiha tar-rekwiziti tal-artikoli 742B u 742D.***

*Illi jsaqsi l-intimat – b'liema mod gie ppruvat mir-rikorrenti li l-intimat b'xi mod agixxa in male fede meta talab l-hrug ta' mandat kawtelatorju f'cirkostanzi fejn il-ligi taghna tippermetti li jsir arrest in rem in kawtela ta' pretenzjoni fic-cirkostanzi precizi tal-kaz?*
*Illi l-imponiment ta' penali u danni mill-Onorabbli Qorti tirrikjedi li l-parti kontra liema jkun inhareg il-mandat kawtelatorju tipprovdi lill-Onorabbli Qorti b'xiedha sufficjenti li turi li l-mandat ikun minghajr l-ebda dubju inhareg b'mod malizjuz, frovolu u vessatorju.*

*Illi kif gie stabbilit ricentament minn dina l-Onorabbli Qorti kif presjeduta permezz tas-sentenza* ***Cassar Fuel Ltd vs the MV K. Dadayli 12 ta' Frar 2015 Rikors numru 1183/2013)****, anke fejn huwa car illi mandat ta' arrest ikun inhareg minghajr ma jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-artikolu 742D, - li jinghad assolutament mhuiex il-kaz fic-*

*cirkostanzi odjerni peress kif gie ppruvat il-kriterji tal-artikolu 742D gew pjenament sodisfatti - dana mhuiex minnu nnifsu bizzejjed sabiex iwassal ghall konkluzzjoni li l-mandat ikun inhareg necessarjament b'mod malizjuz, frivolu jew vessatorju u li ghalhekk iwassal ghall-imposizzjoni ta' pendali u danni. F'dan il-kaz citat sahansittra gie mitlub il-hrug ta' mandat ta' arrest kontra bastiment f'cirkostanzi fejn il-bastiment kien inbiegh* ***wara*** *li gew forniti u suppliti bunkers fuq ordni tal-bunker traders tas-sidien precedenti. Il-bunkers kienu gew ordnati minn bunker traders sabiex dawn jigu mibjugha lis-sidien tal-bastiment u l-bastiment inbiegh lis-sidien godda wara li gew suppliti dawn il –bunkers.*

*Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-artikolu 742D ma gewx sodisfatti peress illi l-persuna responsabbli ghall allegat kreditu u cioe il-bunker trader u/jew is sidien precedenti, ma kienux is sidien jew il bareboat charterers meta nhareg il mandat ta' arrest kontra l-bastiment.*

*Illi ghalkemm f'dak il-kaz il-Qorti sabet li ma kienx hemm gurisdzzjoni in rem tal-Qrati Maltin u li kien hemm ksur tal-artikolu 742D peress illi l-bastiment inbiegh wara li gew suppliti il-bunkers in kwistjoni (kif ukoll f'kaz li ma kien hemm l-ebda privilegg ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 50), u ghalkemm il-Qorti ikkonfermat li l-arrest ghalhekk kien invalidu u illegali u kellu jigi revokat, il-Qorti hasset illi r-rekwisiti tal-ligi sabiex twassal ghall imposizzjoni ta' penali u cioe li r-rikorrenti li talbet il-hrug tal-mandat agixxiet b'mod malizjuz, frivolu jew vessatorju, ma kienux adegwatament sodisfatti.*

*Illi a pagna 12 ta-imsemmija sentenza, il – Qorti rriteniet illi :*

*"Ghar-rigward tat-talba tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8) u 861 tal-Kap 12, din il-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-imposizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe- is-subincizi (a) sa (d) tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12.*

*Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament".*

*Illi fl-opinjoni umli tar-rikorrenti, jinghad illi jekk mandat li jkun inhareg f'cirkostanzi fejn l-arrest mhux permess ai termini tal-artikolu 742D ma jwassalx ghall konkluzjoni awtomatika*

*li kien hemm agir da parti tar-rikorrenti li jwassal ghall-imposizzjoni ta' penali u danni mill-Qorti, wisq anqas tista tigi milqugha talba ghall-ghotja ta' garanzija biex tkopri -hlas ta penali, danni u imghax f'kaz fejn talba ghall arrest issir in piena konformita mall-ligi.*

*Illi jinghad illi fic-cirkostanzi presenti, peress li danni jistghu jinghataw biss fejn tinghata penali, u jekk penali tista tinghata biss f'kas li l-mandat ikun vessatorju, malizjuz jew frivolu, u jekk l-mandat ta'arrest kif inhareg inhareg b'konformita shiha mall-ligi, dak il-mandat ma jista qatt jkun frivolu, vessatorju jew malizjuz u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jigi penalizzat u ghalhekk ma jistax jinstab responsabbli ghad-danni. Fil-kaz odjern ma ingabet l-ebda prova li l-mandat inhareg mill-intimat b'mod malizjuz, frivolu hew vessatorju u ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment tissottometti illi l-kumpannija GMW55 Ltd bl-ebda mod ma "wriet kawza gusta" kif rikjest mill-artikolu 836(1) sabiex l-intimat ghandu jigu ordnat jaghtu garanzija ghall hlas ta' penali, dannu u imghax.*

*Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghall-ghotja ta' garanzija mill-intimat ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-intimat jitlob bl-akbar umilta lejn l-Awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti illi t-talbiet mressqa mir-rikorrenti GMW55 Ltd permezz tar-rikors taghha tat-30 ta' April 2015 ghar-revoka contrario imperio tal-mandat odjern u fin-nuqqas, ta' ghotja ta' garanzija da parti mill-intimat ghall-penali, danni u imghaxijiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-arrest intalab mill-intimat b'adempjament shih mal-provvedimenti tal-artikoli 742B u 742D."*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti, s-socjeta' GMW55 irriteniet li hija sid l-*yacht* MY Whipering Angel li fuqu gie akkordat mandat t'arrest fis-26 t'April 2015. Din is-socjeta' tallega li hi la nnegozjat, wisq anqas ma ffirmat il-Memorandum of Agreement (MOA) datat 15 ta' Jannar 2014 jew intrabtet biex tbiegh l-istess bastiment lil Faisal Juma Khalfan Belhoul Alfalasi u li

ghaldaqstant Dr. Fenech nomine kienet ikkawtelat pretensjonijiet taghha permezz ta' mandat fuq proprjeta' ta' terzi. Is-socjeta' GMW55 sostniet li fl-MOA l-partijiet kienu r-rikorrenti AlFalasi personalment u Angelic Charterers LP Incorpoated, socjeta registrata f'Isle of Man. Illi di piu l-MOA gie terminat bejn il-partijiet Angelic Charters LP Incorporated u AlFalasi u l-istess partijiet iffirmaw Charter Agreement datat Mejju 2014, ghal perjodu bejn 2 t'Awwissu 2014 sat 30 t'Awwisu 2014, bhala kumpens talli trasferiment tal-*yacth* MY Whispering Angel ma sehhx. Illi ghaldaqstant jekk Dr. Fenech nomine kellha xi pretensjonijiet kontra s-socjeta' Angelic Charterers LP Incorporated, l-istess rikorrenti nomine ma setghetx tikkawtela l-pretensjonijiet taghha fuq proprjeta' ta' terzi cioe' GMW55 Limited.

Mill-banda l-ohra r-rikorrenti nomine sostniet illi l-arrest tal-bastiment MY Whispering Angel sar ai termini tal-Artikolu 742B u 742D tal-Kapitolu 12 in kawtela ta' pretenzjoni in rem kontra l-bastiment. Huma sostnew li Angelic Charterers LP Incorporated kienu l-*bareboat charterers* ta' MY Whispering Angel fil-mument li nholqot il-kawza ghall-azzjoni u kienu ghadhom l-*bareboat charterers* tal-istess bastiment meta tressaq il-mandat t'arrest kontra l-bastiment, u dana stante li l-*purchase option* taht il-*lease agreement* bejn is-sidien tal-bastiment GMW55 Limited u Angelic Charterers LP Incorporated kien ghadu ma giex ezercitat. Di piu' l-avukati difensuri ta' Angelic Charterers LP Incorporated f'ittra mibghuta lill-Avukati tal-intimat – Vide Dok. E a fol. 54, in segwitu tal-arrest tal-bastiment f'Malta **jindikaw kjarament li Angelic Charterers LP Incorporated li kienet ghadha topera l-bastiment kummercjalment**, u li l-kirja originali, li kienet taghlaq fit-8 ta' Jannar 2013 (inkluz purchase option ghal 35,000 plus VAT), giet estiza ghal sitt xhur *or such longer period as the parties agreed* – Vide Dok. B a fol. 51. Illi di piu' jirrizulta li l-istess Avukati esteri kkonfermaw illi ***"VAT has been paid by Angelic Charterers on the lease installments and not reclaimed. GMW55 has accounted for the VAT received in respect of those payments"*** – Vide fol. 51.

Illi minn dan jirrizulta illi l-*bareboat charterers* Angelic Charterers LP Incorporated dahhlet ***f'Maltese Leasing Structure***, saru pagamenti sostanzjali lill-Dipartiment tal-VAT sabiex fl-ahhar ikun hemm il-*purchase option* ta' dan il-*yacht* li jiswa 2.7 miljuni - liema struttura jirreferu ghaliha l-istess Avukati t' Angelic Charterers LP Incorporated fil-korrispondenza taghhom Dok. B a fol. 51. Dr. Fenech nomine sostniet li l-Memorandum of Agreement ma giex onorat u di piu' ic-*Charter Agreement* lanqas ma giet onorat, u li minkejja diversi

skambji ta' korrispondenza, l-partijiet ma wasslux. **Di piu' minn indagni ulterjuri Dr. Fenech nomine stabbiliet l-*yacht* kellu jingieb Malta ghal bejgh finali sabiex tigi operata din il-*yacht leasing structure*.**

**Ikkonsidrat:**

Il-materja in ezami tikkoncerna talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju,ai termini tal-Artikolu 836(1) (f) tal-Kapitolu 12.

Illi l-**Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li :

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) sa (e) Omisses***
>
> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie*.** Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-***

> ***kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**Ikkonsidrat:**

Huwa resaput illi il-ligi taghna li hija mfassla fuq l-Admiralty Law Ingliza u tippermetti lil kredituri jarrestaw bastiment mhux biss ghad-debiti tas-sidien tal-bastiment izda koll ghall-pretenzjonijiet kontra il-bastiment nnifsu, fejn l-istess bastiment jinzamm responsabbli **in rem** fic-cirkostanzi specifici indikati mill-ligi. Fost dwan c-cirkostanzi hemm dawk kontenuti fl-art.742B u 742D tal-Kap.12.

Infatti l-Art 742 B Kap. 12 jelenka il-pretensjonijiet li jaghtu lok ghal **gurisdizzjoni in rem** u fosthom, s-subinciz (d) jistipula illi:

> ***"Kull pretensjoni li tinholoq mill-kuntratt ta bejgh tal-vapur"***

Illi sabiex tigi ankrata gurisdizzjoni in rem kontra bastiment fir-rigward tal-pretensjonijiet li jaqaw taht Artikolu 742B(d) sa (y), ir-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 742D Kap. 12 **iridu ukoll jigu sodisfatti**.

Infatti Artikolu 742D Kap. 12 jiddisponi:

> ***" Hlief ghal dawk il-kazijiet li jigbdu fuqhom privilegg specjali skond l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skond l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqghu isegwu l-bejgh voluntarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgh, fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati civili ta' Malta kontra –***
>
> ***(a) Dak il-vapur jew bastiment, fejn il-peruna li tkun responsabbli fi pretensjoni ghal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni, sid jew noleggatur ta', jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid beneficjarju ta' dak il-vapur jew in-nolleggatur taht bareboat charter ta' dak il-vapur;***
>
> ***(b) Kull bastiment iehor li tieghu, fiz-zmien meta tingieb azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid beneficjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment".***

Isegwi ghalhekk illi ai tenur  tal-artikolu 742D(a), kreditur **ikollu dritt in rem** kontra bastiment, **meta il-persuna li kienet responsabbli meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni** kienet is-sid**, jew ic-*charterer***, jew ikollha l-kontroll, jew il-pussess ta'dak il-bastiment, **tkun ukoll l-istess persuna** (is-sid, is-sid beneficjarju tal-bastiment jew il-***bareboat charterer*** ) **meta tigi intavolata  l-azzjoni**.

Tirrizulta ampjament ankrata ghalhekk il-gurisdizzjoni in rem fuq il-bastiment meritu tar-rikors, **sikkome Angelic Charterers LP Incorporated kienet l-*bareboat charterer*  fi zminijiet rilevanti** u dana minkejja li sid il-bastiment huwa in effett is-socjeta' GMW55.

Illi ghar-rigward mbaghad tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 u cioe' "...***li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu..."***, is-socjeta' GMW55 ma rnexxiliex almenu sal-grad ta' prima facie, tipprova li hemm xi bdil fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat cioe 26 t'April 2015 sad data tal-prezentata ta' dan

ir-rikors cioe' 30 t'April 2015 – vide **Gasanmamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited et** , deciza fis-6 ta' Frar 2014;

> ***"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tesisti" ("Dr, Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe" [1]). Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbazi ta' dan is-subartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fii-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat"*** (enfasi ta' din il-Qorti );

Ghar-rigward tat-talba tas-socjeta' GMW55 ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 u cioe' ghal ordni ta' hrug ta' garanzija xierqa ghal hlas ta' penali, danni u imghax, il-Qorti taghraf illi s-socjeta' GMW55 **naqset illi taghmel talba** ai termini tal-Artikolu 836(8) Kap. 12 jew tressaq provi fuq dan.

Minkejja dan, in vista tat-talba ghal garanzija, din il-Qorti, trid per forza tezamina jirrezultawx ic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 ghall-impozizzjoni tal-penali, sabiex ikun permessibbli ghaliha li takkorda tali talba ghal garanzija.

Din l-Qorti taghraf illi talba ghal penali u ergo ukoll ghal garanzija xierqa, hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali **fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi** fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament - Vide sentenzi fl-ismijiet **"Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco"** deciza fit-**2 t'Awissu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef**, **"Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited"** deciza fit-**13**

---

[1] *Moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fit-3 ta' Awwissu 2003*

**ta' Marzu 2003**, per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** u **"Joseph Rapa vs Raymond Sammut**" **Appell Civili** deciza fit-**13 ta' Marzu 2001**.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited (C-52626)**, fl-14 ta' Awissu 2013 u b'referenza ghall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

> ***"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw, l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista ' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."***

Illi fil-kaz odjern il-Qorti, wara li ezaminat l-erba' cirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, taghraf li s-socjeta GMW55 esekutat ma pprovatx, u li din il-Qorti ma jirrizultalhiex, ic-cirkostanzi ghall-impozizzjoni tal-penali jew ghal garanzija xierqa minhabba l-hrug tal-mandat. Irid jinghad ukoll illi l-buona fede hija prezunta u l-hazen irid jigi pprovat – vide **Miller Blacker pro. et noe vs Howard - Kollezz** . **Vol. XXIV. i. 554.**

Di piu, il-Qorti tqis li ebda prova ta' danni subiti ma ngabet mis-socjeta' GMW55 u li skond l-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12, id-danni jistghu jintalbu biss fic-cirkostanzi mahsuba fl-Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 li din il-Qorti diga stabbilit il-mankanza taghhom.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ Dr. Ann Fenech nomine u tichad t-talbiet tas-socjeta GMW55 Limited.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta GMW55 Limited.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------